# Sunny Aquilina (1946 – 2016)

## *Bormla tilfet Ġentlom u Bormliż ta' Veru*

**Kitba ta' Mario Attard**


Il-mibki Sunny Aquilina

Jumejn qabel Bormla kellha tiċċelebra, kif tagħmel bħal kull sena l-pellegrinaġġ tal-1944 xterdet l-aħbar ma' Bormla kollha li kien miet Sunny Aquilina. Eżattament, nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2016 fl-ewwel sigħat tal-ġurnata, Sunny Aquilina miet għal għarrieda fid-dar tiegħu stess fi Triq il-Polverista.

Bħal dakinhar ta' kull sena, Sunny kien imur mas-Segretarju tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, is-Sur Louis Spiteri, fl-istamperija Best Print tal-Qrendi bil-programm tal-festa kkoreġut għall-istampar. Peress li kien indispost, bqajna li mas-Segretarju mmur jiena. Kellu jkun dakinhar kmieni filgħodu li Sunny ħalliena.

Sunny kien ilu bosta snin jikkontribwixxi kif ukoll jikkoreġi l-kitbiet għall-programmi tal-Banda għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Dan l-aħħar snin konna naqsmu l-*proof reading* bejnietna flimkien ma' Dr. Simon Mercieca. Bħas-snin l-imgħoddija, Sunny ma naqasx milli jippreżenta l-kitbiet tiegħu għall-programm tas-sena l-oħra. Tajjeb ingħidu li Sunny Aquilina kien ilu membru fil-Bord Editorjali tal-programm tal-festa sa mill-1972 u kkontribwixxa fih regolarment.



*Il-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla mimlija bin-nies waqt il-Quddiesa tal-Funeral ta' Sunny Aquilina.*

**Min kien Sunny Aquilina?**

Twieled nhar l-1 ta' April 1946 ġewwa Bormla lill-koppja Emmanuel u Eliżabeth (Gauci). Huwa kien l-ikbar fost id-disa' wlied tal-familja Aquilina. Studja fil-Liċeo, l-MCAST, fil-Kulleġġ għat-Taħriġ tal-Għalliema St. Michael's u fl-Università ta' Malta. Attenda wkoll kors tas-Sajf fil-pittura fl-Accademia di Belle Arti Pietro Vanucchi ġewwa Perugia. Huwa kien għalliem tal-arti fl-iskejjel primarji statali.

Sunny Aquilina fl-1969 iżżewweġ lil Josephine Massa u kellhom ħames ulied.

Sunny huwa marbut ukoll mal-kitba tal-kanzunetti. Kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Huwa rebaħ diversi festivals f'pajjiżna fosthom darbtejn il-Malta Eurovision Song Festival. Insemmu b'mod partikulari *The One that I love* fl-1988 li kienet tkantat minn Chiara u ġiet it-tielet fil-finali tal-Eurovision Song Festival ġewwa Birmingham. Fost diski oħra li kiteb (b'kompożizzjonijiet ta' Jason Cassar) isemmu, *My Dream* kantata minn Thea Garret li kienet rebħet il-Malta Eurovision Song Festival 2010 u pparteċipat fil-Eurovision Song Contest li kien sar f'Oslo fin-Norveġja, *L-isbaħ Żmien* kantata minn Debbie Scerri u *Għal Xulxin*

kantata minn Adelina Attard u Renato li kienet ippremjata bit-tieni post fil-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltja. Fis-sena 2000 Adelina Attard kienet rebħet il-festival Discovery 2000 li kien sar fil-Bulgarija bil-kanzunetta *So Much* miktuba minn Sunny Aquilina.

Ikkompona wkoll innijiet, kantati u oratorji. F'Novembru 2005 kienet ittellgħet *Ave Marija Regina et Mater* bis-sehem tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ewwel ċentinarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor. Iżda l-iktar lirika tiegħu li se tibqa' tissemma hija tal-**Innu Omm Beltna**.



*It-tebut ta' Sunny Aquilina quddiem il-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.*

Lil Sunny insibuh jagħti kontribut siewi fil-letteratura Maltija. Apparti *scripts* li kiteb għall-midja tal-Edukazzjoni, huwa kiteb poeżiji, proża u esejs fuq suġġetti varji. Ma naqasx li jikteb artikli ta' natura storika marbuta ma' belt twelidu li tant kien jgħożż. Fl-1982 ħareġ ktejjeb flimkien ma' Carmel Tabone bl-isem **Minn Qalbna Marija**. Ko-awtur flimkien ma' Louis Spiteri, Harry Garrett u Louis Fsadni tal-ktieb **Il-Pijunieri tal-Futbol Malti: St. George's F.C**.

Madankollu, Sunny Aqulina jibqa' marbut mal-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Huwa mexa fuq il-passi eżemplari ta' missieru

Emmanuel li sa età tenera baqa' attiv fl-istess Banda li anki kien direttur tagħha. Huwa studja l-mużika fi ħdan l-istess banda u fl-1957 ħareġ idoqq il-klarinett. Dak kien il-bidu ta' erbgħin sena bħala bandist mal-banda Kospikwana. Dak mhux biżżejjed għax serva f'bosta kumitati u bordijiet fi ħdan l-istess banda. Huwa serva wkoll bħala Direttur, Segretarju u Viċi President li baqa' jokkupa sakemm miet.



*Il-funeral għaddej minn Triq Dom. Mintoff, Bormla.*

## Jiena u Sunny Aquilina

L-ilsien u l-letteratura Maltija kienu minn dejjem iż-żewġt għejun li ressquna lejn xulxin. Il-ħbiberija tagħna tmur mill-ewwel snin tas-sebgħinjiet. It-tnejn konna rebbieħa f'diversi konkorsi letterarji mnedija mill-Partit Laburista, mill-General Worker's Union, mill-Għaqda Letterarja Maltija, mill-Ħeġġa Letterarja, mill-Għaqda Poeti Maltin, mill-Accademia dei Bronzi ta' Catanzaro u mill-Accademia Contea di Modica.

Żewġ esperjenzi pożittivi ħafna kienu fl-1985 u fl-1986 meta konna sifirna Catanzaro fejn qattajna għaxart ijiem kull darba u konna rebbieħa f'kull każ f'konkorsi tal-poeżija bit-Taljan.

Jiena u Sunny konna fil-bord editorjali tal-programm tal-festa li joħroġ il-Każin tal-Banda San Ġorġ. Ninsabu wkoll inklużi f'bosta antoloġiji

letterarji kemm hawn Malta kif ukoll fl-Italja. Iż-żewġ antoloġiji **Ricordi Calabresi** u **Rivachiara** jikkommemoraw liż-żewġ mawriet tagħna f'Catanzaro.

Konna pparteċipajna fil-parti letterarja fl-okkażjoni ta' Jum Bormla. Dakinhar konna qrajna poeżiji marbutin ma' beltna minn fuq palk armat fuq ġewwa tal-Mina ta' Santa Liena. Interessanti l-fatt li jiena mhux darba u tnejn iġġudikajt il-kitbiet li Sunny Aqulina kien issottometta f'konkorsi tal-poeżiji, tan-novelli u tal-esejs peress li kont inkun fil-ġurija.

Tifkira partikulari li qiegħda tiġini f'moħħi hija fil-jiem tal-festi tal-75 sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna tal-Kor. Dak kien fl-1980 meta t-tnejn li aħna konna ppremjati għall-poeżiji tagħna mill-mibki Kardinal Mario Ciappi fl-Awla Kapitulari tal-parroċċa.

Xi ħaġa komuni bejnietna huwa l-Premju Città di Valletta li ngħatalna f'żewġ okkażjonijiet differenti. Jiena ħadtu fl-1987 u Sunny fl-1993. Dan il-premju li jirrikonoxxi l-ħidma b'risq il-letteratura fuq medda ta' snin ingħata mill-Għaqda Poeti Maltin u mill-Accademia dei Bronzi ta' Catanzaro. Xi ħaġa oħra komuni bejnietna hija li t-tnejn konna rikonoxxuti mill-Kunsill Lokali ta' Bormla meta onorana bl-għoti ta' Ġieħ Bormla.



*It-tebut ta' Sunny Aquilina għaddej minn nofs il-Banda San Ġorġ li tant ħabb f'ħajtu.*

L-imħabba u l-ġid u l-ħidma tagħna b'risq Bormla imma tisboq lil kull ħaġa oħra. Ix-xewqa komuni tagħna t-tnejn dejjem kienet li jitfaċċaw żgħażagħ li bil-pinna tagħhom ikomplu jġeddu dawk il-karatteristiċi li jagħmluna Kburin li aħna Bormliżi.

## Il-Funeral

Il-funeral ta' Sunny Aquilina sar nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2016, Kien il-jum iddedikat lil Santa Ċeċilja li hija l-patruna tal-Mużiċisti. Il-quddiesa konċelebrata saret fil-parroċċa ta' Bormla u tmexxiet mill-Arċipriet il-Kan. Dun Anton Cassar. Is-Sur Walter Tonna mexxa lill-Kor Tota Pulchra. Ħa sehem kwintett ta' bandisti mill-banda Kospikwana taħt it-tmexxija tas-Surmast Etienne Spiteri. Raymond Sciberras, is-surmast preċedessur idderieġa l-innijiet ikkomponuti minnu, **Omm Beltna** u **Fil-Kuruna Dehbiena fuq Rasek**, fi tmiem il-quddiesa. Innijiet oħra li ndaqqu fil-quddiesa u waqt il-korteo kienu *The One that I love* li Chiara kantat meta t-tebut wasal quddiem il-każin tal-Banda San Ġorġ u l-innijiet miktuba minn Sunny Aqulina: St. George's F.C., *Innu Regatta Bormla* u l-*Innu Santa Tereża*. Fi Pjazza Gavino Gulia mbagħad indaqq l-*Innu tal-Inkurunazzjoni*.

Il-marċ funebri Mater Dolorosa ta l-aħħar tislima lil dan il-bniedem li ħajtu bnieha fuq il-familja tiegħu, il-Każin tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, Bormla - belt twelidu, l-imħabba lejn il-Madonna u kull ħaġa oħra li bis-saħħa tagħha jogħla isem Bormla u isem Malta.

Mingħajr dubju, lil Sunny Aqulina m'aħniex sejrin ninsewh. Kull attività, hija x'inhija, li tkun marbuta ma' Bormla, tfakkarna fih. Kull festa tal-Immakulata b'mod speċjali, Sunny jerġa' jieħu l-ħajja. Imma l-aktar ħaġa li timlih bil-ferħ ikun meta jara żgħażagħ Bormliżi jaħdmu biex jgħinu lil Bormla tikseb id-dinjità li hija misruqa minnha.

Ħabib Bormliż ta' vera, strieħ fi ħdan dik l-Omm li ħabbejt u għinna spiritwalment biex il-belt li inti ħdimt għaliha tikseb il-ġieħ li ħaqqha.

## TISLIMA LIL SUNNY AQUILINA

(1946 – 2016)
għadduni mill-bieb ta' santa liena
mill-bieb ta' santa liena rrid ngħaddi
hemmhekk tilqagħni l-imperatriċi
taqbadni minn idi u triġini magħha teħodni
twassalni fi ħdan is-salib li Alla riedha li ssib...

u tinħall ruħi, jiħfiefu spallti mit-toqol
ta' dik l-għuda qaddisa li ġarrejt matul ħajti
għax qalbi u ruħi fehmuni u jiena smajt
li t-toqol ta' dik l-għuda muftieħ li jifdik.

Qiegħda tistennieni taħt il-għuda tas-salib
taħt il-għuda tas-salib qiegħda tistennieni
dik l-Omm li nafha b'Omm Beltna.
l-Imnissla mingħajr Tebgħa.
Li nfittex nara lill-ġawhra tal-Bormliżi
qalbi ħerqana, tistaqsunix imma kemm hija sabiħa
għax surtha u kliemha, ilbiesha u għemilha
min jgħaddi mill-bieb ta' santa liena biss
min jintefa' f'ħoġor il-għuda qaddisa biss
jista' jifhem liema ġmiel, liema setgħa, liema kobor
raddilha l-Missier bi ndannitha, seħer fuq seħer / ta' sħarijiet.

M'għandix bżonnha aktar il-pinna, il-karta.
hawnhekk mhux lok il-kitba tal-poeżija
hawnhekk kull ħin salmodju, ritmu wieħed, armonija
xhieda ħajja tal-kitba divina.

MARIO ATTARD

Fiona Stationery & Bazaar
6, Bonnici Market Street, Bormla
Mob: 7984 2969
*Fejn issib l-aħjar rigali*
*għall-Milied u l-Ewwel tas-Sena*